## QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O Prim'Imhallef Dr Joseph Azzopardi – President**

**Onor. Imħallef Dr Joseph Zammit Mckeon**

**Onor. Dr Imħallef Edwina Grima**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 3 ta' Ottubru 2018**

**Att ta' Akkuza**

**Nru. 36/2010**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**John Grima**

**Il-Qorti :**

**1.** Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fil-15 ta' Lulju 2010, kontra John Grima, li bis-saħħa tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkużah:

i. fl-**Ewwel Kap** illi f' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati illi persuna ta' nazzjonalita` Maltija kienet ser timporta ammont sostanzjali ta' droga llegali mill-Olanda. Filfatt fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga aċċedew fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fejn wara li saru l-kontrolli neċessarji flimkien mal-uffiċjali tad-dwana rriżulta li kienet instabet sustanża suspetuża ġewwa xi xemgħat li kienu qed jinġarru f'baskett appartenenti lil passiġier li kien għadu kif wasal Malta minn fuq titjira tal-Airmalta minn Amsterdam bin-numru KM395 (Airmalta) u l-akkużat ġie identifikat bħala din il-persuna li kellu dan il-baskett, u li b'hekk kellu din is-sustanża llegali fil-pussess tiegħu.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li l-akkużat volontarjament u xjentement għamel vjaġġ mill-Olanda għal Malta fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) u dan meta kien jaf li kien qed jimporta ammont sostanzjali tad-droga kokajina u tal-weraq meħuda mill-pjanta cannabis wara li hu kien akkwista dawn is-sustanżi perikolużi mill-Olanda. In oltre l-akkużat xjentement akkwista żewġ xemgħat imdaqsin fejn wara li dawn ġew mħaffra minn ġewwa ġiet moħbija fihom is-sustanża kokajina fil-forma ta' sitt blokkok f'waħda u l-werqa tal-cannabis fl-oħra u dan sabiex ikun f'posizzjoni li jdaħħal is-sustanza ġewwa pajjiżna mingħajr ma jiġi nterċettat mill-pulizija u/jew mill-uffiċjali responsabbli. Dawn ix-xemgħat sussegwentement instabu fil-baskett li kien qed jinġarr mill-akkużat mal-wasla tiegħu ġewwa l-ajruport internazzjonali ta' Malta u rriżulta li kienu jikkontjenu d-droga kokajina fl-ammont globali ta' disa' mija tmienja u tmenin punt ħames grammi (988.5 grammi) u l-pjanta tal-cannabis fl-ammont ta'dsatax punt tlett grammi (19.3 grammi) li kellhom il-purita` ta' ċirka sitta u tletin punt ħamsa fil-mija (36.5%) u ħdax punt tnejn fil-mija rispettivament (11.2%). Il-kokajina u l-pjanta tal-cannabis li jitqiesu bħala mediċina perikoluża u sustanza llegali skond il-Liġi tagħna, għandhom il-valur kumplessiv ta' ħamsa u sebgħin elf mija sitta u għoxrin

Euro (€75,126) fir-rigward tal-kokajina u mitejn wieħed u ħamsin Euro (€251) fir-rigward tal-werqa tal-cannabis b'total ta' ħamsa u sebgħin elf, tlett mija sebgħa u sebgħin Euro (€75,377). L-akkużat għamel dan kollu sabiex din id-droga llegali tiġi mportata fi xtutna mingħajr ma' tiġi nterċettata u sabiex l-akkużat ikun f'posizzjoni jittraffika din id-droga lil ħaddieħor hawn Malta. Effettivament li kieku l-uffiċjali tal-pulizija nvoluti fl-investigazzjoni ma ndunawx u ma nterċettawx lill-akkużat fil-mument opportun, din id-droga kienet tgħaddi f'idejn terzi persuni f'pajjiżna li faċilment setgħu jittraffikaw din id-droga perikoluża u llegali għal skopijiet ta' lukru.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi favur l-akkużat, li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi John Grima sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (kokajina u pjanta tal-cannabis) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenżja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi John Grima, ħati talli mporta, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina u l-pjanta tal-cannabis) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u mmobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(d)(e), 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

ii. fit-**Tieni Kap** illi dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` fl-erbgħa u għoxrin

(24) ta’ Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġimgħat preċedenti għal din id-data, minħabba l-fatt li l-akkużat xjentement ħeba is-sustanża kokajina ġewwa waħda mix-xemgħat imdaqsa li kienet ġiet imħaffra għal dak l-iskop mill-istess akkużat u xjentement kien jaf li dawn kienu ntiżi għal persuna jew persuni oħra, u minħabba l-fatt li s-sustanza suspettuża li nstabet ġo fiha rriżultat, wara l-intervenzjonijiet mediċi u l-analiżi meħtieġa li saru, li filfatt kienet id-droga kokajina u cioe` mediċina perikoluża u llegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, anki meta wieħed iqis il-modus operandi tat-trasport ta’ din is-sustanza, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti tad-droga kokajina li hija sustanża perikoluża u llegali skond il-Liġi. Din is-sustanza perikoluża ma kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kap preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont tad-droga kokajina li nstabet kienet waħda konsiderevoli u ċioe’ ta’ disa’ mija tmienja u tmenin punt ħames grammi (988.5 grammi) bil-purita` ta’ ċirka sitta u tletin punt ħamsa fil-mija (36.5%) li ċertament ma’ tindikax skop għall-użu personali.

Anki f’dan il-każ, l-akkużat ma kienx fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b’għemilu l-imsemmi John Grima sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’ oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma’ kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi John Grima ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-

disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’ oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma’ kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ għomor il-ħabs u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta` mobbli u mmobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

iii. fit-**Tielet Kap** illi finalment b’referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fil-kapi preċedenti tal-Att tal-Akkuża u ċioe` fl-erbgħa u għoxrin (24) ta’ Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġimgħat preċedenti għal din id-data, minħabba l-fatt li l-akkużat xjentement ħeba il-weraq mill-pjanta tal-cannabis ġewwa waħda mix-xemgħat imdaqsa li kienet ġiet imħaffra għal dak l-iskop mill-istess akkużat meta xjentement kien jaf li din kienet intiża għal persuna jew persuni oħra, u minħabba l-fatt li s-sustanza suspettuża li nstabet ġo fiha rriżultat, wara l-intervenzjonijiet mediċi u l-analiżi meħtieġa li saru, li filfatt kienet id-droga cannabis speċifikament il-weraq tagħha, u cioe` mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, anki meta wieħed iqis il-modus operandi tat-trasport ta’ din is-sustanza, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti tad-droga cannabis li hija sustanża perikoluża u llegali skond il-Liġi. Din is-sustanza perikoluża ma kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont tad-droga cannabis li nstabet kienet waħda konsiderevoli u ċioe` ta’ dsatax punt tlett grammi (19.3) bil-purita` ta’ ċirka ħdax punt tnejn fil-mija (11.2%) liema ammont ċertament ma tindikax skop għall-użu personali.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

Illi b'għemilu l-imsemmi John Grima sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi John Grima ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha), meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u mmobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)

u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 3 u 4(a) tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-15 ta’ Novembru 2012 li bis-sahha taghha wara li dik il-Qorti rat il-verdett tal-gurati ta’ dak in-nhar stess li bih b’ sitt (6) voti favur u b’tlett (3) voti kontra sabu lill-akkuzat John Grima hati talli:

i. fl-24 ta’ Jannar 2006, importa, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista’ tiġi mportata mediċina perikoluża (kokajina u l-pjanta tal-cannabis) f’ Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oġġett, u dana skond l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza;

ii. fl-24 ta’ Jannar 2006 u fil-ġimgħat preċedenti għal din id-data kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’ oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma’ kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli

msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu, w dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

iii. fl-24 ta' Jannar 2006 u fil-ġimgħat preċedenti għal din id-data, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha), meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess kien għall-użu esklussiv tiegħu.

**3.** Rat illi l-Ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 8(d)(e), 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) w ir-regoli 3, 4, 4(a) u 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi [A.L. 292 ta' l-1939] u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali kkundannat lill-appellant John Grima ghall-piena komplessiva ta' hmistax (15) il-sena prigunerija w ghall-multa ta' tletin elf Ewro (€30,000), li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mid-data tas-

sentenza, jigu konvertiti f'prigunerija skond il-ligi, kif ukoll ikkundannatu ihallas is-somma ta' erbat elef, seba` mija w tnejn u sittin Euro (€4762.00), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji nkorsi u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. Ordnat finalment il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal- oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

**4.** Rat ir-rikors ta' l-appell imressaq mill-akkuzat John Grima fid-19 ta' Novembru 2012 li bih u ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti tirrevoka u thassar il-verdett tal-gurija u minflok tiddikjara lill-appellant mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena, u fl-eventwalita li tikkonferma l-htija tieghu li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra inqas skont il-ligi.

**5.** Rat ir-risposta mressqa mill-Avukat Generali fl-20 ta' Settembru 2016.

**6.** Rat id-digriet ta' din il-Qorti (diversament komposta) tat-30 ta' Novembru 2017 fejn gie ordnat illi l-appellant ghandu jinzamm f'kustodja fl-Isptar Monte Carmeli gewwa facilita licenzjata ghal pazjenti forensici u ghandu jigi trattat bhallikieku kien pazjent li jista' jinzamm fil-facilita licenzjata taht it-Taqsima IV tal-Kapitolu 525 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn l-appell gie differit *sine die* sakemm tlett specjalisti jipprezentaw rapport fejn ighidu li jistghu jitkomplew il-proceduri kontra l-appellant.

**7**. Rat illi l-appell rega' kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-06 ta' Gunju 2018 quddiem din il-Qorti kif komposta llum. Fis-seduta kien dikjarat mill-

partijiet illi minkejja l-imsemmi digriet tat-30 ta' Novembru 2017 il-kawza kellha tithalla ghas-sentenza. In vista ta` din id-dikjarazzjoni, din il-Qorti ordnat li l-appell jithalla ghad-decizjoni ghal-lum.

**8**. Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni li kienet saret quddiem din il-Qorti diversament komposta.

**Ikkunsidrat :**

**A. <u>L-istqarrija tal-appellant u l-ammissibbilita` taghha bhala prova</u>**

**9.** Illi fl-ewwel impunjattiva mressqa mill-appellant, huwa jsib oggezzjoni ghall-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ordnatx l-isfilz tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija. Issa kif jirrizulta mid-digriet tat-12 ta' Novembru 2012, l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha ghat-talba maghmula mid-difiza dwar l-inammissibilita' tal-istqarrija, segwiet l-insenjament rimandat mill-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni Charles Steven Muscat vs Avukat Generali (08/10/2012), kif ukoll fis-sentenza John Attard vs Onor. Prim Ministru et (31/10/2012) fejn allura ordnat illi l-istqarrija tal-akkuzat kellha tigi mghoddija lill-gurati soggetta ghal kawteli u osservazzjonijiet maghmula f'dawn iz-zewg decizjonijiet billi "l-imhallef togat iwissi lill-gurati bil-periklu li joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija, bla ma jqiesu wkoll il-provi l-ohra u l-Imhallef sahansitra jista' jwissi lill-gurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tingieb xiehda li l-istqarrija ttiehdet bi

vjolenza jew theddid.[1]" Fil-fatt mill-indirizz finali, jirrizulta illi din it-twissija nghatat lill-gurati.

**10.** Illi ghalkemm il-verdett ma kienx wiehed motivat, madanakollu huwa ndubitat illi meta kienu qed jiddeliberaw il-gurati kellhom quddiemhom id-dikjarazzjonijiet li ghamel l-appellant lill-pulizija, kemm dawk verbali kif ukoll registrati bil-miktub fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija u dan in segwitu ghal din id-decizjoni moghtija mill-Ewwel Qorti. Illi l-appellant baqa' jhossu aggravat b'din il-linja li hadet l-Ewwel Qorti ghaliex fil-fehma tieghu hija kellha tidderigi lill-gurati sabiex jiskartaw tali prova fejn l-akkuzat seta' nkrimina ruhu minghajr ma kien debitament assistit u minghajr ma kellu l-opportunita' li jikseb parir legali preventivament.

**11.** Illum hija kristalizzata l-posizzjoni fid-dritt penali nostran fejn persuna suspettata ma tkunx giet moghtija assistenza legali meta tirrilaxxja stqarrija, ghaliex il-ligi dak iz-zmien kienet tipprekludi dan id-dritt b'mod sistematiku. Dan ghaliex gie meqjus illi kwalunkwe dikjarazzjoni li l-persuna suspettata setghet hekk ghamlet hija lesiva tad-dritt taghha ghal smigh xieraq ghaliex il-konfessjoni titqies bhala prova regina fil-process penali.

**12.** Illi din il-Qorti, kif kollegjalment komposta, ghalkemm diversament ippresjeduta, kellha diga' okkazzjoni tesprimi ruhha fuq dan il-punt ta' dritt fejn allura fid-dawl tal-linja gwida moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-

[1] Ara verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru 2012

Bniedem kienet tal-fehma illi tali stqarrijiet rilaxxjati mill-persuna akkuzata minghajr ma din kellha l-okkazzjoni li tikseb l-assistenza ta` avukat tal-fiducja taghha ma kellhiex valur probatorju billi jkun ferm perikoluz ghal qorti li tistrieh fuqha sabiex issib htija fil-persuna akkuzata li tkun inkriminat ruhha minghajr ma kellha difiza adegwata u allura bir-riskju ta' lezjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq. Dan l-izvilupp gurisprudenzjali tbieghed mill-fehma milhuqa mill-Qorti Kostituzzjonali fiz-zewg decizjonijiet li l-Ewwel Qorti taghmel referenza ghalihom fid-digriet taghha, fejn allura ghazlet li ma tiskartax l-istqarrija tal-akkuzat bhala prova fil-guri u dan ghaliex:

> **"While the statement in question of the accused has not been shown to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement as laid down in article 658 of the Criminal Code, nevertheless, for the reasons stated above, the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.[2]"**

**13.** Illum il-legislatur irregola din il-materja darba ghal dejjem, ukoll sabiex jigi in linea mal-legislazzjoni tal-UE, u dan meta bl-Att LI tal-2016 saret it-traspozizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Ministri tat-22 ta'Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li terza persuna tkun infurmata dwar it-tiċħid ta' l-libertà u li persuna tikkomunika ma' terzi persuni u mal-awtoritajiet konsulari waqt li tkun imċaħħda mil-libertà, ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE fis-6 ta' Novembru 2013.

[2]The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor deciza 1/12/2016

**14.** Illi ghalhekk il-ligi kif illum emendata tirrifletti din is-salvagwardja u wkoll hija in linea mad-dritt tal-Unjoni Ewropeja kif inghad. Din il-Qorti ma tistax tinjora mhux biss principju ormai stabbilit mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem illi d-dritt ghal smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu japplika mhux biss tul l-*iter* tal-proceduri penali fil-qorti, izda ukoll ghall-hekk imsejjah *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata, izda trid tara illi timxi in konformita' mal-ligi mhux biss ewropeja izda ukoll lokali li illum tirregola din il-materja.

**15.** Issa l-appellant jinsisti illi mhux biss l-istqarrija tieghu[3] hija mtebba` b'din il-lezjoni izda anke kwalunkwe dikjarazzjoni illi huwa seta' ghamel lill-pulizija meta kien qed jigi mitkellem minnhom mill-mument illi huwa gie mwaqqaf gewwa l-ajruport hekk kif wasal lura Malta mill-Olanda.

**16.** Illi it-tifsira moghtija mil-ligi vigenti llum tal-frazi 'proceduri kriminali' tinkludi 'l-investigazzjonijiet tal-pulizija', li allura jfisser illi dan il-mument jiskatta hekk kif jittiehdu dawn l-investigazzjonijiet li certament allura ghandu jinkludi mhux biss il-mument tal-arrest u kwindi tad-deprivazzjoni tal-liberta', izda l-mument illi persuna tkun suspettata li kkomettiet reat kriminali. (ara artikolu 534A Kodici Kriminali). Kwindi hekk kif l-appellant gie mizmum gewwa l-ajruport mill-pulzija u dan fuq suspett illi kien qed igorr d-droga fil-basket tieghu u allura beda jitqies bhala 'persuna suspettata' huwa kellu jinghata t-twissija, mhux biss

[3] Fl-istqarrija tieghu l-akkuzat jaghzel li ma iwegibx ghal bosta mill-mistoqsijiet li isirulu.

skont il-ligi vigenti dak iz-zmien, izda din kellha ukoll tikkomprendi l-jedd ghal parir u assistenza legali.

**17.** Fil-fatt il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem testendi it-tifsira ta' "*criminal charge*" mill-mument illi persuna tkun ser tigi affetwata minn xi att investigattiv tal-pulizija (ara Alexander Zaichenko vs Russia – 18/02/2010) :

> **"The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the person is "charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. 'Charge' for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."**

**18.** Dan ghaliex l-istadju tal-investigazzjonijiet fil-gurisprudenza ewropeja jassumi mportanza fl-ambitu tal-proceduri penali billi is-smigh xieraq tal-persuna li qed tiffaccja dawn il-proceduri jista' jigi mittiefes minn kwalunkwe att investigattiv jekk il-persuna investigata ma tkunx giet moghtija il-jeddijiet skont il-Konvenzjoni, b'mod partikolari allura l-jedd ghall-assistenza legali li ghandu jigi applikat mill-bidu nett. Fil-fatt l-artikolu 355AU tal-Kodici Kriminali jistipula illi d-drittijiet tal-persuna "akkuzata" japplikaw

> **"mill-ħin li jkunu mgħarrfa mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja, permezz ta' notifika uffiċjali jew xort'oħra, li huma suspettati jew akkużati li kkommettew reat kriminali, u rrispettivament jekk ġewx imċaħħda mil-libertà jew le."**

**19.** Ghal dawn il-motivi dan l-aggravju qed jigi milqugh u l-Qorti ghalhekk mhijiex ser tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija rilaxxjata mill-appellant fil-25 ta' Jannar 2006, u kwalunkwe dikjarazzjoni ohra verbali lil huwa seta' ghamel lill-pulizija u dan fl-istharrig li ser isir marbut mal-aggravji l-ohra mqanqla minnu.

**B. <u>L-inammisibbilita' bhala prova tal-informazzjoni anonima li waslet ghand il-pulizija</u>**

**20.** L-appellant jilmenta illi l-Ufficjali Nvestigattivi ma setghux jaghmlu referenza ghall-informazzjoni anonima li kisbu u li wasslithom ghall-istharrig li sar in konnessjoni mal-kaz, u dan meta l-'*informer*' li baqa' anonimu la seta' jissemma b'ismu u wisq anqas allura seta' jingieb jixhed il-Qorti biex jikkonferma l-informazzjoni moghtija minnu lill-pulizija. Ghall-appellant dan ifisser illi dik ix-xiehda li taghmel referenza ghal din l-informazzjoni tikkostitwixxi '*hearsay evidence*' u kwindi hija inammissibbli bhala prova.

**21.** L-appellant jishaq ukoll illi ladarba huwa ma kellu ebda jedd ghal kontro-ezami ta' din ix-xiehda jew ahjar informazzjoni kien hemm lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq billi ma seta' jezercita ebda kontroll fuq dak mistqarr mill-ufficjali tal-pulizija. Ma setax allura jistharreg jekk dak li stqarr maghhom dan l-*informer* kienx fil-fatt minnu, ghalkemm l-appellant inqabad l-ajruport igorr id-droga ezattament kif kienet tghid din l-informazzjoni**.** Joggezzjona b'mod ewlieni ghal dik il-parti tax-xiehda tas-Supretendent Norbert Ciappara fejn dan stqarr illi l-informazzjoni li kellhom kienet specifika ghal persuna ta' Grima fejn gew mgharrfa illi huwa **"kien jahdem wahdu u ma jafda lil hadd."**

Skont l-appellant, ix-xiehda kellha taghmel referenza ghall-informazzjoni b'mod generali u mhux tidhol fl-ispecifiku dwar dak li ntqal lilhom minn persuna li ma kenitx ser tingieb tixhed fil-qorti. Din jargumenta tikkostitwixxi prova "*hearsay*".

**22.** Issa d-disposizzjonijiet relevanti dwar il-*hearsay rule* huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap. 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap. 9:

> **"598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.**
>
> **"(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċhad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.**
>
> **"(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.**
>
> **"599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jistax jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, taż-żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta' servitu', ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd."**

**23.** Dan premess, il-qrati taghna dejjem imxew b'kawtela meta tqanqlet il-kwistjoni ta' *hearsay evidence* u l-ammissibilita` taghha.

**24.** Issir ta' spiss referenza ghas-sentenza moghtija mill-Privy Council fl-1956 fl-ismijiet ***Subramaniam v. Public Prosecutor*** fejn hemm deciz:

> **"'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and**

**inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'**

**25.** Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament komposta fit-28 ta` Gunju 2012 fil-kaz "**Ir-Repubblika ta` Malta v. Mario Azzopardi**" inghad hekk :-

**"Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il-każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.**

**" … Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ- ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża a priori iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-**

**cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess. ……"**

**26**. Issa fil-kaz tal-lum l-appellant qed isib eccezzjoni ghal dik il-parti tax-xiehda tal-Ufficjali tal-pulizija li fil-kors ta' l-investigazzjoni taghhom kisbu informazzjoni kunfidenzjali li assistiethom b`mod li skattat l-investigazzjoni u wasslet ghall-persuna tal-appellant.

**27**. Illi l-posizzjoni tal-Ufficjal Prosekutur u Investigattiv meta huwa jaghti ix-xiehda tieghu sabiex jispjega il-kors li ha l-istharrig minnu kondott ghall-fini li jasal ghal malvivent, hija xi ftit jew wisq differenti minn dik ta` xhud ordinarju billi fix-xiehda tieghu huwa irid necessarjament jaghti stampa ta' dak li wasslu sabiex jigu istitwiti l-proceduri penali kontra l-persuna akkuzata fejn allura jista' jindika illi huwa kiseb informazzjoni minn sors kunfidenzjali li ma jistax jigi obbligat jizvela.

**28**. Illi kif inghad minn din il-Qorti diversament komposta :-

**"Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx li l-ufficjal tal-pulizija huwa obbligat li ma jizvelax sigriet lilu fdat in konnessjoni mal-funzjonijiet tieghu bhala tali. Jekk il-ligi bhala element essenzjali ghall-amministrazzjoni gudizzjarja, xierqa, tal-gustizzja, tipprotegi lill-avukati u l-prokuraturi legali, fl-ewwel sub-inciz ta'l-artikolu 642, huwa difficli li din l-istess protezzjoni ma tikkomprendiex ukoll lill-ufficjal tal-pulizija li waqt l-investigazzjonijiet tad-delitti jigi fdat, taht il-kappa tas-segretezza, b'informazzjoni relevanti ghall-investigazzjonijiet li jkun qed jikkonduci, jew biex jibda jinvestiga[4]."**

[4] Ir-Repubblika taa' Malta vs Andrew sive Andrea Facchetti u Frederick Joseph Attard (09/06/1994)

**29**. Afferati dawn il-principjі dottrinali, din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-aggravju sollevat mill-akkuzat illi dik il-parti tax-xiehda tal-Ufficjal Investigattiv hija wahda nammissibbli fuq il-pretest illi l-persuna li ghaddiet l-informazzjoni lill-pulizija ma tistax tingieb biex tixhed sabiex tikkonferma dak minnha dikjarat ghaliex riedet tibqa` anonima. Tghid hekk ghaliex din tista' tikkostitwixxi prova *ai fini* tal-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija izda mhux bhala prova diretta tal-kontenut taghha, kif inghad.

**30**. Ighid hekk is-Supretendent Ciappara fix-xiehda tieghu:

> **"Mela kien ghal habta ta' Jannar 2006, kellna informazzjoni li l-akkuzat ….. kien qieghed jimporta d-droga f'Malta, sussegwentement l-informazzjoni li kellna wkoll kienet illi John Grima kien ghadu kif vjagga ghal Amsterdam u l-possibilita' kienet illi meta jigi lura kien ser igib id-droga mieghu."**

**31.** Jidher illi miksuba din l-informazzjoni, skattat l-investigazzjoni minn fejn irrizulta illi kien minnu li l-appellant kien siefer lejn Amsterdam u kien ser jasal lura Malta b'titjira fl-24 ta' Jannar 2006. Fil-fatt b'ko-ordinazzjoni mal-Ufficjali tad-Dwana gewwa l-Ajruport, l-appellant kien mghasses mal-wasla tieghu u mwaqqaf. Saret tfittxija u fil-baskett li kien qieghed igorr bhala *hand luggage* nstabu ix-xemghat li go fihom kienet mohbija id-droga.

**32.** Kien imbaghad in kontro-ezami li d-difiza stess, bil-mistoqsijiet li bdiet taghmel lill-Ufficjal Investigattiv, bdiet tidhol fl-ispecifiku dwar in-natura tal-informazzjoni miksuba billi fix-xiehda tieghu s-Supretendent Ciappara ma kienx xehed fit-tul dwar din l-informazzjoni. Fil-fatt x-xhud beda jipprova jixhed in

generali sabiex ma jaghtix dettalji specifici dwar il-persuna li ghaddiet l-informazzjoni u n-natura ta' l-istess, izda d-difiza baqghet tinsisti fuq din il-linja ta' mistoqsijiet, tant illi kellha tigi mwissija anke mill-Qorti biex ma tkomplix issegwi dik il-linja ta' interrogazzjoni.

**33**. Issa permezz tal-aggravju tieghu l-appellant qed jipprova xxejjen dik il-prova li fl-ahhar mill-ahhar talab huwa stess. Din il-Qorti ma tqisx illi l-ilment ta' l-appellant jisthoqqlu akkoljiment tenut kont tal-fatt illi mix-xiehda tas-Supretendent Ciappara ghandu jirrizulta illi huwa kien kawt ferm meta kien qed jixhed dwar kif skattat l-investigazzjoni u ma offra l-ebda dettall dwar id-diskors li seta' qallu l-"*informer*" izda dwar dan il-punt huwa xehed b'mod generali sabiex jaghti stampa tal-mod kif bdiet l-investigazzjoni tal-pulizija li mbaghad wasslet ghall-prosekuzzjoni tal-kaz. Mhux biss izda jidher illi l-pulizija ma strahitx biss fuq l-informazzjoni li kienet rceviet izda ghamlet stharrig ulterjuri qabel ma waslet biex tidentifika l-persuna tal-appellant. Fuq kollox dak mistqarr mill-Ufficjal Investigattiv dwar l-informazzjoni de qua mhijiex prova determinanti ghall-kaz ghaliex dik l-informazzjoni kienet sussegwentement ikkonfermata meta l-appellant fil-fatt wasal Malta fuq it-titjira minn Amsterdam u fuq il-persuna tieghu nstabet id-droga. Issa jekk l-appellant kellux x-xjenza *o meno* li f'dawk ix-xemghat kien hemm id-droga ma tistax tirrizulta mill-informazzjoni mghoddija lill-pulizija billi din ma tista' qatt tikkostitwixxi prova tar-reita' ta` l-appellant.

**34**. Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi dan l-aggravju qed jigi michud.

**C. <u>L-aggravju fil-mertu – nuqqas ta' xjenza mehtiega ai fini ta' reita'</u>**

**35.** L-appellant jishaq illi l-element intenzjonali mehtieg sabiex tinstab htija ma kienx ippruvat ghaliex jikkontendi illi kien injar ghal kollox mill-presenza tad-droga fix-xemgha li kienet fil-pussess tieghu. Din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina l-elementi ta' dritt marbuta mar-reati ta' l-importazzjoni u finalment tal-pussess aggravat tad-droga kokajina, u sejra tezamina mill-gdid il-provi li hemm fl-atti. Mhijiex ser tiehu kont tal-istqarrija rilaxxjata mill-appellant lill-pulizija; lanqas ta' kull dikjarazzjoni li ghamel mill-mument illi nzamm fl-ajruport bil-pussess tad-droga.

**36**. Qabel ma tqis dan l-aggravju partikolari, sejra taccenna ghall-fatti li hargu mill-atti tal-guri :-

i. Fil-21 ta' Jannar 2006 l-appellant mar Amsterdam fl-Olanda fejn hemmhekk iqatta' erbat ijiem. Qaghad il-Hotel Sofitel.

ii. Fl-24 ta' Jannar 2006 huwa qabad titjira lejn Malta mill-ajruport ta' Schippol ta` Amsterdam.

iii. Mal-wasla tieghu fl-ajruport ta` Malta, l-appellant kien osservat igorr bagalja u baskett zghir iehor, *hand luggage*.

iv. Imwaqqaf mill-Ufficjali tad-Dwana u mill-Pulizija, saret tfittxija fuq il-persuna tal-appellant u fil-bagalji li kien qieghed igorr. Fil-baskett iz-zghir instabu zewg xemghat, wahda ta' kulur safrani u l-ohra hamra. Jidher illi dawn kienu l-unici oggetti li xtara l-appellant fil-mawra tieghu Amsterdam.

v. Minn stharrig li sar irrizulta illi dawk ix-xemghat (ghalkemm inkartati) kellhom il-qiegh jinqala' u gewwa nstabet id-droga : go wahda, il-kokajina ; u fl-ohra l-pjanta *cannabis*.

vi. Il-kokajina kienet ippakkettata f'sitt boroz ; il-piz totali kien ta' 988.5 grammi, b'purita ta' 36.5%, u b'valur ta' €75,126. Il-piz tal-pjanta tal-*cannabis* kienet ta' 19.3 grammi, b'purita ta' 11.2%, u b'valur ta' €251.

vii. Illi minn tfittxijiet li saru kemm fir-residenza ta' l-appellant gewwa San Giljan, kif ukoll fi proprjeta` ohra tieghu fil-Hamrun, instabu xi xemghat ohra simili ghal dawk li nstabu bid-droga meta l-appellant kien arrestat. Instabet xemgha li kienet imhaffra bl-istess mod. Fir-residenza ta' San Gwann tal-appellant tghix ukoll is-siehba tieghu.

**37.** Issa, kif inghad, ghalkemm l-appellant ma jikkontestax il-pussess tax-xemgha li instabet fil-baskett li kien qieghed igorr, madanakollu jishaq bhala difiza illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi huwa kien konsapevoli tal-fatt illi f'dik ix-xemgha kien hemm id-droga.

**38**. L-Avukat Generali jilqa' ghal dan l-aggravju billi jinsisti illi kien hemm bizzejjed provi cirkostanzjali li jippuntaw kollha fid-direzzjoni tal-appellant u li allura kellu x-xjenza mehtiega fil-ligi ghal biex tissussisti r-reita' kemm ghall-importazzjoni, kif ukoll ghall-pussess aggravat tad-droga kokajina u l-pussess semplici tal-cannabis.

**39**. Illi l-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk:

> **"Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra l-ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti",**

**40**. Din r-regola tapplika bl-istess qies ghall-Prosekuzzjoni kif ukoll ghad Difiza, b'dan ghalhekk illi ghalkemm il-persuna akkuzata ghandha id-dritt ghas-silenzju u ma hija obbligata tipprova xejn, madanakollu jekk taghzel li trid taghmel xi prova, allura fil-konfront taghha ghandhom japplikaw dawk ir-regoli kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-apprezzament tal-provi. L-akkuzat allura ghandu jipprova dak allegat minnu sal-grad tal-probabbli u jekk dan il-grad tal-prova ma jilhqux allura jkun qed ixejjen dak minnu allegat.

**41**. Issa din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi l-appellant bid-difiza tieghu ma jirnexxielux idghajjef il-provi cirkostanzjali li ressqet il-Prosekuzzjoni li lkoll jippuntaw fid-direzzjoni tar-reita'. Tghid dan anke ghaliex l-appellant la xehed (kif *del resto* kellu kull dritt li jaghmel) u lanqas ressaq prova biex isostni d-difiza tieghu.

**42**. Illi huwa fatt inkontestat illi l-appellant inqabad *in flagrante* diehel Malta fuq titjira minn Amsterdam igorr f'baskett, li *del resto* mhux ikkontestat li kien il-hin kollu fil-pusess tieghu, zewg xemghat li kienu jikkontjenu d-droga. L-att materjal tar-reat, kemm dak tal-pussess kif ukoll tal-importazzjoni, huwa ppruvat. Issa huwa ndubitat illi l-mod kif kienet ippakkjata din id-droga kienet tali illi din ma setghetx facilment tinstab. Kienet mohbija gewwa xemgha mhaffra appozitament tant illi l-ufficjali tal-pulizija jikkontendu illi l-qiegh tax-xemgha seta' facilment jinqala'. Ix-xemgha kienet imbaghad ippakkettata b`mod u menjiera illi kienet tidher illi kienet ghadha kemm giet mixtrija gdida. Mhux biss, izda fir-residenza ta' l-appellant instabu xemghat simili b'wahda minnhom tkun imhaffra similment ghal dik misjuba bid-droga.

**43**. Issa l-appellant ma jaghti l-ebda spjegazzjoni dwar kif giet fil-pussess tieghu x-xemgha li fl-ajruport ta` Malta nqabad igorr, izda jaghmel biss l-argument illi l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni, u kif kienu delinjati mill-Qorti, ma setghux iwasslu ghall-prova lil hinn minn kull dubbju illi huwa kien konsapevoli tal-fatt illi gewwa x-xemgha kien hemm id-droga. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din il-linja difensjonali tenut kont tal-fatt illi l-appellant inqabad *in flagrante* diehel Malta igorr baskett, li kif inghad kien il-hin kollu fil-pussess fiziku tieghu, b'zewg xemghat gewwa fih mimlija bid-droga. Qatt ma saret xi allegazzjoni kwalsiasi illi l-baskett ma kienx tieghu jew inkella li huwa ma kellux il-kontroll effettiv tal-baskett tul il-vjagg kollu lejn Malta. Lanqas, kif inghad, ma ndika l-appellant kif giet fil-pussess tieghu dik ix-xemgha. Provi li jissostanzjaw dak minnu allegat ma ressaqx l-appellant. Allura ma jistax jinghad li l-appellant lahaq il-grad mistenni minnu biex jezimi ruhu mir-responsabbilta' ghal presenza ta' dik id-droga fil-baskett tieghu ::

**“Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma "xjentement"; fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar min "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), kap 101), ikun fil-pussess" (regola 8, A.L.292/1939), "jimporta (artikolu 15A (1), Kap. 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-dispozizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux sempliciment ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26 (1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlita xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabilita') kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26 (2).[5]”** (sottolinjar tal-Qorti)

**44**. Dan ifisser illi l-appellant kien tenut, imqar sal-grad tal-probabbli jipprova illi huwa ma kellux ix-xjenza mehtiega fil-ligi, u li allura hu ma kienx jaf illi f’dak il-baskett u specifikatament fix-xemgha li kien hemm fil-baskett li kien qed igorr kienet tqieghdet dik id-droga, prova li huwa naqas milli jaghmel. Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti f’dan il-kaz mhux biss tissussisti din il-presunzjoni izda ukoll mill-fatti tal-kaz jistghu johorgu nferenzi li jwasslu ghar-reita’.

**45.** Illi fl-edizzjoni ta’ l-2001 ta’ Archbold jinghad hekk dwar ‘il-presunzjonijiet ta’ *fatt* :

**‘A presumption arises where from the proof of some fact the existence of another fact may naturally be inferred without further proof from the mere probability of its having occurred. The fact thus inferred to have**

[5] Il-Pulizija vs Marzouki Beya Bent Abdellatif App.Inf. 16/02/1998

**occurred is said to be presumed, i.e. is taken for granted until the contrary is proved by the opposite party…And it is presumed the more readily in proportion to the difficulty of proving the fact by positive evidence, and to the facility of disproving it or of proving facts inconsistent with it, if it really never occurred.'**

**46**. Stabbiliti l-fatti probatorji, determinat illi l-appellant ma lahaqx il-grad tal-prova sabiex ixejjen il-presunzjoni tax-xjenza li kellu fil-pussess tieghu d-droga, il-Qorti qeghda tichad dan l-aggravju tal-appellant.

**C. Il-piena**

**47.** Fl-ahhar aggravju tieghu l-appellant jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' hmistax-il (15) sena prigunerija u multa ta' tletin elf ewro (€30000), kienet eccessiva.

**48.** Kien kostantement ritenut mill-qrati taghna:

**"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti mportanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena[6]."**

[6](Ara wkoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)".

**49.** Illi l-Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, fissret sewwa l-konsiderazzjonijiet li wassluha sabiex teroga l-piena wara li qieset sewwa l-argumenti li ressqu l-partijiet. Ikkonkludiet hekk:

> **"Il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax is-serjeta` tal-agir tal-hati ta' liema konsegwenzi kienu ser ibaghtu mijjiet jekk mhux eluf ta' zaghzagh Maltin. Il-Qorti ma tistax tnehhi quddiem ghajnejha l-karba tal-genituri li tilfu l-gheziez ghal din il-pjaga tas-socjeta` li hi alimentata biss u esklussivament ghar-rehba tal-flus u gwadann ekonomiku mhallsa bid-demm ta' mijiet ta' zaghzagh Maltin. Il-Qorti m'ghandhiex turi hniena ma min hu l-kawza ta' tant tragedji. Mn'Alla kienu l-Pulizija li waqqfu lill-hati milli jxerred il-mard u l-mewt qalb is-socjeta` Maltija u dan ghandu jkun ta' twissijja ghal kull min jittanta jsarraf il-mewt ghal flus li fil-Qorti mhux ser isib xi spalla anzi, l-oppost u m'ghandux jippretendi l-hniena gej minn fejn hu gej, ghandu kemm ghandu eta`.**
>
> **Il-hati kien ta' eta` matura meta wettaq dan ir-reat u dan messu serva ta' deterrent u zgur m'ghandhux iservi ghal xi mitigazzjoni fil-piena. Kieku l-hati ried jibbenefika minn xi mitigazzjoni kien hemm toroq ohra x'jaghzel izda dan m'ghamlux u issa m'ghandhux jippretendi li l-Qorti titratta mieghu bhal ohrajn li ghazlu toroq immirati ghal tali mitigazzjoni.**
>
> **Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza serva bħala mezz għall-fini biex setghu jiġu kommessi r-reati dedotti taħt it-Tieni u t-Tielet Kapi tal-Att tal-Akkuża w ghalhekk, ghall-fini tal-konkors tal-pieni, għandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Ara "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem" [31.10.2002] u "Ir-Repubblika ta' Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag" [15.05.2003] u oħrajn)."**

**50**. Illi huwa ndubitat illi l-piena inflitta lill-appellant taqa' fil-parametri tal-ligi. Dwar dan ma jidhirx illi hemm ilment mill-appellant. L-appellant jelenka diversi ragunijiet 'il ghala fil-fehma tieghu l-piena kellha tkun wahda aktar miti.

**51.** Ir-ragunijiet kienu dawn :

1. il-verdett tal-gurati kien wiehed minimu b'sitt voti favur u tlieta kontra d-dikjarazzjoni tal-htija.

2. L-appellant kien ghamel tlett snin taht *house arrest*.

3. L-appellant huwa bniedem anzjan u aflitt minn mard serju tant illi ghandu bzonn kura kontinwa.

4. Il-piena ta' hmistax-il sena prigunerija, fil-fehma tieghu, tekwivali ghal ghomru l-habs billi kif inghad huwa anzjan u marid serjament u allura il-*life expectancy* tieghu hija wahda ferm baxxa.

5. Kellu jkun hemm riduzzjoni minhabba dewmien fil-proceduri.

6. Illi huwa ghadda proceduri penali quddiem il-Qorti Kriminali meta seta jigi pprocessat quddiem il-qrati nferjuri fejn il-parametri tal-piena huma iktar baxxi. Illi l-fatt illi dan thalla fid-diskrezzjoni tal-Avukat Generali, biex b'hekk huwa wehel piena iktar gravuza, jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**52.** Illi b'referenza ghal din l-ahhar lanjanza ventilata mill-appellant jinghad illi bl-emendi li saru bl-Att XXIV tal-2014, il-legislatur haseb biex ifassal il-parametri li fihom l-Qorti ghandha tiddeciedi jekk tibghatx lill-persuna akkuzata sabiex tigi ggudikata mill-Qorti Kriminali jew mill-Qorti tal-Magistrati u dan fuq talba maghmula mill-akkuzat, meta fassal linji gwida abbazi ta' dawk mahruga mis-*Sentencing Council* fl-Ingilterra u dan bis-sahha ta'l-artikolu 120 tal-*Coroners and Justice Act 2009*, imsejha "*Drug Offences Definitive Guideline*".

**53.** Illi fis-*Sentencing Guidelines* inghad illi:

**"The court should determine the offender's culpability (role) and the harm caused (quantity) …. In assessing culpability, the sentencer should weigh up all the factors of the case to determine role.[7]"**

**54**. Dan huwa rifless fir-Raba Skeda annessa mal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u marbut mal-artikolu 22 tal-istess ligi, fejn jinghad illi, qabel xejn, ghandu jitqies il-hsara attwali jew il-hsara potenzjali kkawzata mir-reat li bih il-persuna akkuzata tkun qed tigi addebitata, fejn allura l-kwantita tad-droga, izda mhux il-purita` taghha, ghandha tkun il-konsiderazzjoni ewlenija biex titkejjel dik il-hsara. Ma` dan imbaghad irid jittiehed kont tar-rwol li kellu l-akkuzat fil-kommissjoni tar-reat u cioe' jekk huwa kellux involviment principali, sinjifikanti jew inkella rwol izghar – u allura l-elementi ta' *culpability* u *harm* indikati fil-linji gwida Nglizi. Illi anke dwar dak li huwa r-rwol tal-akkuzat ir-Raba Skeda taghmel distinzjoni bejn 'rwol prinċipali', 'rwol sinjifikattiv' jew 'rwol iżgħar' fit-twettiq tar-reat[8].

---

[7]http://www.sentencingcouncil.org.uk/wpcontent/uploads/Drug_Offences_Definitive_Guideline_final_web1.pdf

[8] **Ir-rwol prinċipali fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej: • li l-akkużat organizza jew ordna x-xiri u l-bejgħ ta' droga fuq skala kummerċjali; • li l-akkużat kellu konnessjonijiet sostanzjali għal u influwenza sinjifikanti fuq persuni oħra f'ċirku; • li l-akkużat kellu konnessjonijiet mill-qrib għas-sors oriġinali tad-drogi; • li l-akkużat għamel qligħ finanzjarju sostanzjali jew kellu aspettattiva ta' qligħ finanzjarju sostanzjali; • li l-akkużat uża negozju leġittimu biex jaħbi x-xiri jew il-bejgħ tad-drogi; • li l-akkużat abbuża mill-pożizzjoni tiegħu ta' fiduċja jew ta'responsabbiltà sinjifikanti fit-twettiq tar-reat, per eżempju meta l-akkużat ikun impjegat tal-ħabs jew professjonista legali jew mediku.**

**Ir-rwol sinjifikanti fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej: • li l-akkużat kellu funzjoni operattiva jew maniġerjali fiċ-ċirku; • li l-akkużat involva oħrajn fl-operazzjoni kemm billi eżerċita pressjoni kif ukoll influwenzahom jew b'intimidazzjoni jew b'offerta ta' kumpens; • li l-akkużat kien motivat bill-prospett ta' gwadann finanzjarju jew vantaġġ ieħor, irrispettivament jekk l-akkużat kienx qed jaġixxi waħdu jew ma' oħrajn; • li l-akkużat deher li kien jaf u li fehem il-kobor tal-operazzjoni; • li l-akkużat, li mhix persuna li qed tabbuża minn pożizzjoni ta' fiduċja jew responsabbilità, forniet id-droga lill-priġunier għall-gwadann iżda mingħajr theddid.**

**Ir-rwol Iżgħar fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej: l-akkużat ġie mqabbad minn oħrajn sabiex iwettaq ir-reat permezz ta'pressjoni, theddid jew intimidazzjoni; • li l-akkużat ġie involut fit-twettiq tar-reat minħabba l-inġenwità tiegħu jew minħabba li ġie sfruttat minn oħrajn; • li l-akkużat ma kellux influwenza fuq dawk ta' fuqu fiċ-ċirku; • li l-akkużat kellu ftit, jekk kien hemm, għarfien rigward il-kobor tal-operazzjoni; • li meta jiġu meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha jkun raġonevoli li jiġi konkluż illi l-akkużat kien involut fit-twettiq tar-reat sabiex jieħu ddroga biss, għall-użu personali tiegħu; • li l-akkużat ma għamel l-ebda gwadann finanzjarju mir-reat, per eżempju f'każijiet li jinvolvu x-xiri komuni ta' kwantità minima mingħajr l-ebda qligħ jew sabiex titqassam kwantità minima bejn il- ħbieb fuq bażi mhux kummercjali.**

**55**. Illi minn ezami tal-atti processwali ghandu johrog illi l-mohh wara dina l-operazzjoni kriminali ma kien hadd hlief l-appellant. Kien hu li ha l-briga li jmur l-Olanda bil-hsieb li jimporta d-droga. Il-kwantita' ta' droga li giet importata tindika li din ma kenitx ghall-uzu tieghu personali. *Di piu'* l-ammont ma kienx wiehed negligibbli, bl-appellant jimporta kwazi kilo kokajina b'purita xejn baxxa ta' kwazi 37%.

**56.** Kif gustament stqarret l-Ewwel Qorti l-hsara potenzjali allura ma kienx wiehed zghir. Dan ifisser illi tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li il-legislatur fassal bhala linja gwida ghalbiex jigi deciz l-*forum* fejn ghandha tigi ggudikata l-persuna akkuzata, id-decizjoni tal-Avukat Generali illi jibghat lill-appellant sabiex jigi ggudikat mill-Qorti Kriminali ma kenitx wahda erronju. Inoltre fl-istess linji gwida l-ammont ta' kokajina involut fil-kummissjoni tar-reat issa taht il-lenti tal-Qorti jissupera bil-ferm dak ta' mitt gramma[9] ndikata fir-Raba Skeda annessa mal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-persuna akkuzata tigi ggudikata mill-qrati nferjuri. Fuq kollox lanqas jista' jinghad illi l-appellant assista lill-pulizija fl-investigazzjonijiet sabiex il-Qorti tista' tqies xi mitigazzjoni fil-piena.

[9] "L-ammont li ġejjin involuti fir-reat, meta l-imsemmija ammonti huma magħrufa, jistgħu jittieħdu bħala indikazzjoni sabiex persuna ma tiġix riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali: herojina u kokajina: anqas minn 100 gramma cannabis (qanneb indjan): anqas minn 300 gramma Kull għajnuna li l-akkużat ikun ta lill-Pulizija jew lill-prosekuzzjoni tista' wkoll tiġi meqjusa."

**57.** Maghdud dan, madanakollu, din il-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-appellant ghamel tlett snin taht "*house arrest*" u dan tul il-proceduri ta'l-Istruttorja u ghalkemm kien hemm okkazzjoni fejn kiser dina l-ordni, madanakollu huwa rcieva il-piena ghal tali ksur. Illi mill-atti tal-Istruttorja jirrizulta illi d-digriet tal-arrest domiciljaru inghata mill-Qorti kumpilatorja fid-09 ta' Frar 2006. B'digriet iehor imbaghad tad-19 ta' Mejju 2006 l-appellant gie awtorizzat johrog mid-dar biss bejn it-8:00a.m. u id-9:00a.m. u fil-ghaxija bejn is-6:00 u is-7:00, hin limitat ferm. Gara izda li l-appellant tilef il-beneficcju tal-helsien mill-arrest meta nstab f'xi hin barra mid-dar u allura b'digriet iehor tal-04 ta' Gunju 2007 rega' inghata il-helsien mill-arrest, bil-kundizzjoni illi huwa ma johrogx mid-dar hlief ghal ragunijiet medici. Dan id-digriet baqa' vigenti sat-02 ta' April 2009, meta imbaghad l-appellant gie moghti l-helsien mill-arrest effettiv.

**58.** Illi fis-sentenza "**ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Muscat**" din il-Qorti kif diversament komposta, wara li ccitat id-decizjoni kostituzzjonali **"James Demanuele vs Avukat Generali"** qalet hekk:

> **"Dik il-Qorti – cioe` l-Qorti Kostituzzjonali – kompliet tfisser li "house arrest", u cioe` meta persuna tkun effettivament qed tinzamm detenuta d-dar taghha flok f'post desinjat skond il-ligi bhala "habs", jammonta xorta wahda ghal forma ta' arrest b'tali mod li dak l-arrest irid ikun gustifikat skond l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea; jekk ma jkunx hekk gustifikat, ikun hemm lezjoni tal-imsemmi Artikolu 5(3). Mill-banda l-ohra, pero`, il-fatt li persuna tkun ghamlet xi perijodu taht "house arrest" ma jintitolahiex li dak iz-zmien ta' "house arrest" jitnaqqsilha bi dritt, cioe` b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 ta' Kap. 9, u dan ghar-raguni semplici li l-"arrest preventiv" li huwa kontemplat li jitnaqqas skond l-imsemmi Artikolu 22 huwa dak iz-zmien li l-persuna tkun ghamlet mizmuma l-habs u mhux f'post li mhux "habs" skond il-ligi – ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Walter John Cassar (4/10/2007) u Ir-Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Hafes Ibrahim el Degwi (8/5/2008). Mill-banda l-ohra, fil-kazijiet**

**fejn, kontra dak indikat mill-Qorti Kostituzzjonali, tali "house arrest" ga gie applikat, dan l-arrest domiciljari jista' jittiehed in konsiderazzjoni minn Qorti fl-ikkalibrar tal-piena specjalment meta dan l-arrest (i) ikun wiehed assolut (cioe` l-persuna prattikament ma tohrog xejn minn darha hlief biex tattendi l-Qorti), (ii) ikun fuq perijodu konsiderevoli u (iii) l-imputat ma jkun ghamel xejn, direttament jew indirettament, biex itawwal il-proceduri. S'intendi, tibqa' dejjem il-possibilita` li l-persuna in kwistjoni, minkejja l-kundizzjoni tal-house arrest, effettivament ma tkunx qed tosserva tali kundizzjoni u dan ad insaputa tal-prosekuzzjoni (li mhix tenuta li toqghod tpoggi pulizija ghassa wara l-bieb tieghu!) u tal-istess Qorti. Jigi ribadit li dan ma jfissirx li l-perijodu kollu tal-"house arrest" ghandu b'xi mod "jitnaqqas", wisq anqas li fis-sentenza tintuza xi formula li "tordna" t-"tnaqqis tal-perijodu tal-house arrest". Mhux biss l-awtoritajiet tal-Habs ma jkollhom ebda record tal-house arrest – huma jkollhom record biss tal-persuni detenuti gewwa l-Habs – u ghalhekk tali "ordni" biex jitnaqqas il-perijodu tal-house arrest ghandu jigi injorat mill-imsemmija awtoritajiet – izda din il-Qorti kellha diversi drabi l-okkazjoni tfisser u tishaq li bid-disposizzjoni l-gdida tal-Artikolu 22 (introdotta bl-Att III tal-2002) Qorti ta' Gustizzja Kriminali ma ghandha tghid assolutament xejn dwar tnaqqis tal-arrest preventiv proprju ghax tali tnaqqis jittiehed awtomatikament in konsiderazzjoni in virtu` tal-imsemmi Artikolu 22; u jekk tali Qorti tippronunzja ruhha kif solitament kien isir qabel ma l-Artikolu 22 gie sostitwit (cioe` tghid xi haga bhal "ghandu jitnaqqas iz-zmien tal-arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz") tali pronunzjament jista' aktar johloq kumplikazzjonijiet amministrattivi in vista tal-eccezzjonijiet stabbiliti fl-istess Artikolu 22. ....[10]"**

**59.** Illi ladarba l-Ewwel Qorti f'dak il-kaz, ma kenitx hadet in konsiderazzjoni dan il-fattur meta giet biex tqis l-piena li kellha tigi inflitta, gie deciz illi l-piena kellha tigi kkunsidrata mill-gdid u dan bhala fattur mitiganti fl-ikkallibrar ta'l-istess.

[10] App. Sup. 28/12/2009

**60**. Illi din il-Qorti ma tistax tinjora l-istat ta' sahha prekarju li fiha jinsab l-appellant li illum huwa bniedem totalment dipendenti fuq haddiehor sabiex jghix. Jirrizulta li l-appellant mhux biss sofra minn diversi attakki ta' puplesija li gabuh fizikament dipendenti, izda jirrizulta illi qed ibati ukoll minn *dementia*.

**61.** Jirrizulta li l-appellant illum mhuwiex kapaci jiehu hsieb tieghu nnifsu, kif jirrizulta mix-xiehda tad-diversi specjalisti medici in atti.

**62. Madanakollu din il-Qorti trid taghmilha cara li l-premess ma jfissirx illi l-appellant ghandu jigi mahfur il-piena ghar-reati minnu kommessi.**

**63. Fl-istess waqt, lanqas ma tista' tikkonsidra xi forma ta' retribuzzjoni jew utilita' tal-piena kemm fil-konfront tal-appellant kif ukoll tas-socjeta` in generali, tenut kont illi l-appellant illum jinsab f'xifer il-mewt.**

**64. <u>Fic-cirkostanzi partikolari u unici ta' dan il-kaz</u>, u tenut kont ukoll illi l-appellant ghamel tlett snin taht arrest go daru, din il-Qorti tghid illi l-piena ta' hmistax-il sena prigunerija ghandha tonqos ghal tnax-il sena prigunerija, bil-multa inflitta tibqa' invarjata.**

**65. <u>A skans ta` ekwivoci</u>, din il-Qorti <u>tishaq u tinsisti</u> li qeghda tmur ghal riduzzjoni tal-piena <u>unikament u esklussivament</u> minhabba l-qaghda prekarja ta` sahha li jinsab fih illum l-appellant *sic et simpliciter.***

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi <u>tikkonferma</u> s-sejbien ta` htija kif din tirrizulta mis-sentenza appellata, qeghda <u>tirriforma</u> s-sentenza appellata <u>limitatament</u> fejn l-appellant kien ikkundannat ghal piena ta' hmistax-il (15) sena prigunerija, u minflok <u>eskussivament ghal ragunijiet ta` sahha</u> qeghda tikkundannah ghal piena ta' tnax-il sena (12) prigunerija.**

**It-termini ghall-hlas tal-multa nflitta u tal-ispejjez peritali ghandhom jibdew jiddekorru mil-lum. Fl-ahharnett din il-Qorti tinsisti mar-Registratur, Qrati Kriminali u Tribunali, ghall-ordni ghad-distruzzjoni tad-droga.**

**Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin illi l-appellant jibqa' jinzamm detenut fl-Isptar Monte Carmeli gewwa facilita licenzjata ghal pazjenti forensici u li jinghata l-kura kollha medika u psikjatrika li ghandu bzonn in vista ta` l-istat ta' sahha prekarja tieghu.**

**Tordna notifika minnufih ta' din id-decizjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin.**